MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 87/2009

**Il-Pulizija**

**Vs
Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda hu, ghax-xhur ta’ Ottubru w Novembru 2008, naqas li jaghti l-manteniment fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond ordni jew kuntratt kien marbut li jaghti lil martu Emanuela Cauchi w/jew lil ibnu s-somma ta’ Euros 466 iffissata minn Qorti jew stipulat f’kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghal uliedhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni tal-appellant, sabitu hati w ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, li minnha jirrizulta li l-appellant diga’ nstab hati tal-istesss reat diversi drabi ohra.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi umanitarji (Sic!) tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-appellant u tal-parte civile li ma sar ebda hlas fil-mori tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-Ewwel aggravju dwar il-piena eccessiva, l-principju regolatur hu li l-Qorti tal-appell ma tvarjax il-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva ghall-kaz in ezami.

Certament li f' dan l-kaz il-piena ta' gimgha detenzjoni tidhol sew fil-parametri tal-ligi fejn il-piena massima hi addiritura dik ta' xaharejn detenzjoni, liema piena setghet umbaghad tizdied bi grad jew tnejn minhabba r-reat kontinwat imputat lill-appellant fl-imputazzjoni.

Illi meta erogat din il-piena l-Ewwel Qorti qalet li kienet thossha kostretta li taghmel dan minhabba li din hija kawza ohra minn sensiela interminabbli ta' kawzi fl-istess ismijiet fuq l-istess mertu.

Illi ma nghatat ebda raguni ohra ghala l-piena hija eccessiva fir-rikors tal-appell hlief dak li gie imsejjah *" ragunijiet umanitarji"* (Sic!) u li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant u din il-Qorti ma tarax li rrizultaw xi cirkostanzi impellenti li jimmilitaw favur riduzzjoni fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------